**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 161/2017 CFF**

**GasanMamo Insurance Limited**
**Vs**
**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Illum 8 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u erbghin Euro centezmi (€10,634.48) liema somma tinkludi l-ammont ta' mitejn u hamsa u tletin Euro (€235.00) imhallsa bhala "Excess" mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' incident illi sehh fis-26 ta' Gunju, 2010, fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa meta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRT 808 proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, Carmelo Carabott, u misjuqa minn Kurt Carabott, garrbet hsarat wara illi zelqet fuq drenagg illi kien qed ifur minn tappiera mantnuta mill-Korporazzjoni intimata, u liema incident sehh unikament tort tal-Korporazzjoni intimata wara illi din b'negligenza u traskuragni, naqqset milli zzomm it-tappiera in kwistjoni fi stat ta' zamma tajba u minghajr periklu ghas-sewwieqa u utenti ohra tat-triq in kwistjoni.

Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittri ufficcjali datati d-29 ta' Awwissu, 2011 u t-12 ta' Gunju, 2013, il-Korporazzjoni intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali tad-29 ta' Awwissu, 2011 u t-12 ta' Gunju, 2013 u bl-imghaxijiet mid-29 ta' Awwissu, 2011 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-Korporazzjoni intimata li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-Risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma** fejn eccepiet:

1. Preliminarjament, il-Korporazzjoni esponenti tecepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikoli 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq bazi preliminari, il-Korporazzjoni esponenti m'hijiex il-legittima kontraditrici sabiex twiegeb ghat-talbiet attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-atturi sabiex iressqu prova tal-allegati danni u fi kwalunkwe kaz, dawn huma kontestati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Dr. Yvette Tonna Borg**, ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali xehdet fis-6 ta' Marzu, 2018 li minn ricerka li ghamlet mis-sistema tal-LECAM, sabet dsatax-il (19) att fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li tnax (12) minn dawn l-atti kienu ittri ufficjali, zewg (2) talbiet quddiem Small Claims. Meta ghamlet tfittxija fis-sistema tal-LECAM bl-ismijiet Carmelo Carabott vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, ma sabet xejn.

**Ikkunsidrat:**

F'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob li l-intimat jigu dikjarati responsabbli ghad-danni kawzati in segwita ta' incident illi sehh fis-26 ta' Gunju 2010 fi Triq Dicembru 13 fil-Marsa. Vettura propjeta' ta assikurat tas-socjeta' rikorrenti garbet hsarat minhabba hrug ta' drenagg illi kien qieghed ifur minn tappiera li hija mizmuma mill-Korporazzjoni intimata. L-intimati qed jeccepixxu preliminarjament illi l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta cjoe' bid-dekors ta' sentejn.

Dwar l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u cioe' il-konvenut, jikkontendu li s-sentejn preskrizzjoni ai fini ta' dan l-Artikolu ghaddew stante li l-incident gara fis-26 ta' Gunju 2010. Illi ghandu jinghad li s-socjeta' attrici kienu intavolaw zewg ittri ufficjali u cioe' fid-dati tad-29 t'Awwissu 2011 u fit-12 ta' Gunju 2013. Jidher li s-socjeta' konvenuta giet notifikata b'dawn iz-zewg ittri ufficjali fid-9 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Gunju 2013 rispettivament. Illi f'dan il-kaz ir-rikors promotur gie intavolat fl-20 ta' Gunju 2017 fejn is-socjeta' konvenuta giet notifikata fis-6 ta' Lulju 2017.

Illi minn dan jidher li bl-ewwel ittra ufficjali li baghtet is-socjeta' attrici interrompiet il-preskrizzjoni u beda jiddekorri minn Awwissu 2011. Illi gara qabel l-gheluq tas-sentejn mill-ewwel ittra ufficjali, regghu intavolaw ittra ufficjali ohra u din id-darba fit-12 ta' Gunju 2013. Illi ghalhekk kwalunkwe azzjoni li kellha ssir minn naha tas-socjeta' Attrici kellha taghmlu qabel l-gheluq tas-sentejn li f'dan il-kaz kienu jaghlqu fit-12 ta' Gunju 2015.

Illi dan ir-rikors promotur gie intavolat fl-20 ta' Gunju 2017 u cioe' kwazi erba' snin mill-ahhar ittra ufficjali li giet prezentata mis-socjeta' attrici. Illi minn naha l-ohra jikkontendu li huma kienu bdew proceduri quddiem ic-Centru tal-Arbitragg fuq l-istess kaz in kwistjoni. Illi fil-fatt gie esebiet il-Lodo u d-decizjoni finali fuq dan il-kaz

ittiehdet fil-31 ta' Mejju 2017 skont ic-certifikat mahrug li jinsab a fol 97 tal-process. Illi a tenur tal-artikolu 2132 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, s-socjeta' attrici intavolat dan ir-rikors promotur fl-20 ta' Gunju 2017 u ghalhekk fit-terminu ta' xahar mid-data tad-decizjoni li ttiehdet mill-Arbitru. Illi ghalhekk f'dan il-kaz taht l-artikolu 2132 ma hemm ebda kontestazzjoni ghaliex il-kawza odjerna infethet fit-terminu preskritt ta' xahar.

Illi ghalhekk jibqa' il-kwistjoni jekk il-kawza bir-rikors promotur kienx gie interrot il-preskrizzjoni meta il-partijiet marru quddiem l-Arbitragg. Illi ghalhekk l-azzjoni li s-socjeta' attrici kellha tiehu kien almenu sa Gunju 2015. Illi jidher mill-Lodo esebiet fl-atti li jinsab a fol 79 u li huwa mmarkat bhala Dok C, jidher li l-ewwel seduta giet mizmuma fit-2 ta' Lulju 2015. Illi ghalhekk kwalunkwe rikors li seta' gie prezentat kien qabel din id-data tat-2 ta' Lulju 2015. Illi ghandu jinghad li ma gie esebiet ebda rikors jew talbiet ohrajn bid-data li bihom inbdew il-proceduri quddiem ic-Centru tal-Arbitragg. Il-Qorti certament ma tistax taqta' minn jeddha meta kienet il-gurnata preciza li fiha infethu l-proceduri fic-Centru tal-Arbitragg jew tassumi li dawn il-proceduri nfethu fil-perjodu preskrittiv, *quod non est in actis non est in mundo.*

Illi f'dan il-kaz kienet is-socjeta' attrici li kellha turi li l-preskrizzjoni giet interrrotta. Fil-fatt biz-zewg ittri ufficjali mibghuta lis-socjeta' konvenuta kienu waqqfu l-preskrizzjoni. Illi jidher pero' fit-trapass taz-zmien qabel l-gheluq tas-sentejn skont ma inghad mis-socjeta' attrici infethu proceduri quddiem ic-Centru tal-Arbitragg biex b'hekk huma urew li jzommu ferm sod il-jedd taghhom li jirkupraw id-danni subiti minhabba dan l-incident.

Illi ghalkemm it-talbiet taghhom ma gietx accetata fuq punt ta' ligi, dan ma jfissirx li l-prova ta' meta intavolaw it-talbiet taghhom quddiem ic-Centru tal-Arbitragg ma kelliex tingieb ladarba giet intavolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bjennali. Illi ta' min jinnota li s-socjeta' attrici fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2018 ghalqet il-provi taghha dwar din l-eccezzjoni u esebiet biss zewg dokumenti u cioe' kopja formali tal-Lodo bhala Doc C u kopja formali tac-Certifikat tar-Registrazzjoni ta' decizjoni.

**Decide**

Illi ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici. Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**